









# Mro. Carmelo Baldacchino (1917-2014)

Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Jannar, 2014 tħabbret il-mewt tas-Surmast Baldacchino li seħħet fl-Awstralja fl-eta' ta' 97 sena. Is-Surmast Baldacchino twieled iż-Żejtun nhar l-1 ta' Novembru, 1916. Meta kellu erbatax-il sena inkoraġġit mis-Surmast Giuseppe Spiteri beda l-istudju mużikali tiegħu fi ħdan l-Għaqda Mużikali Beland. Beda jitgħallem l-istrument favorit tiegħu il-cornet għand is-Surmast Carmelo Scicluna.

Kien ukoll solista tal-banda u Mro. Scicluna daqq divesrsi selections mill-opri ta' G.Verdi. Ħaġa li darba qalli s-surmast innifsu kienet illi kien jifforma parti mill-Cappella Diacono. Darba is-Surmast Carlo Diacono kellu bżonn xi mużiċist bil-cornet u sar jaf bis-Surmast Baldacchino. Ftiehem mas-Surmast Scicluna li stiednu għall-kunċert biex jisma' lis-Surmast baldacchino. Diacono ma kellu ebda' dubju dwaru. Aċċettaħ mill-ewwel.

Fl-eta' ta' sbatax-il sena insibuħ jgħin lis-Surmast Spiteri fit-twaqqif tal-banda l-ġdida Santa Marija ġewwa Ħal Għaxaq biex fl-1943 insibuħ Surmast ta' din l-istess banda. Sentejn wara laħaq Surmast tal-Banda De Paule ta' Raħal Ġdid fejn dam għaxar snin. Fl-1939 daħal fl-RMA u mill-ewwel beda jdoqq fil-banda li kienet taħt id-direzzjoni tal-Maġġur A. Aquilina filwaqt li kompla l-istudju tiegħu fl-armonija u fl-istrumentazzjoni taħt is-Surmast Gużeppi Stivala.

Fis-sena 1946 laħaq Surmast Direttur tal-Banda beland bħala suċċessur ta' Mro. C. Scicluna fejn dam sal-1955 meta siefer bil-familja lejn l-Awstralja. Meta laħaq Surmast kien stqarr mal-ħbieb u l-familja tiegħu li l-ħolma tiegħu kienet seħħet. Fi żmienu l-banda esegwiet diversi programmi madwar Malta . Fost il-kompożizzjonijiet tiegħu insibu l-Overtures: Fantastica u Andalusiana, Grand marches : Memoires Egyptienne u Melita flimkien għadd kbir ta' marċi brijjużi u funebri mxerrdin ma' diversi baned Maltin l-aktar dawk li kien konness direttament magħhom. Fl-Awstralja huwa idderieġa għal sittax-il sena sħaħ l-banda Taljana bl-isem ta' G.Verdi Concerto Bandistico.



Is-Sur Sam Mifsud li jiġi r-raġel tat-tifla tiegħu u li kien qrib ħafna tiegħu, jirrakkontalna kemm kien jgħaddi ħin miegħu jitkellmu fuq il-mużika f'Malta l-aktar dik bandistika likienet tant għal qalbu. Kien ukoll ta' għajnuna għalih u għal ħutu meta waqqfu l-grupp 'The Sheratons'. Sam u s-surmast ħadmu flimkien biex fl-2008 ipproduċew double cd album bi tlettax-il marċ funebru fejn is-Surmast jintroduċi hu stess il-marċi. Lejn l-aħħar ta' ħajtu minkejja l-eta' irnexxielu jitgħallem juża l-internet u b'hekk żamm il-kuntatti li kellu mal-familjari u l-ħbieb li kellu speċjalment fil-każin tagħna.

Kienet ukoll ix-xewqa tiegħu illi jirregala l-mużika kollha tiegħu lis- soċjeta' Beland biex tibqa' tindaqq u tinżamm ħajja. Is-Surmast Baldacchino żar Malta diversi drabi u f'waħda minn dawn iż-żjarat fl-1999 huwa ġie mistieden biex fl-okkażjoni tal-festa jidderieġi waħda mill-kompożizzjonijiet tiegħu fuq il-planċier. F'din l-istess okkażjoni huwa ġie maħtur Surmast Onorarju.

Il-familja tas-Surmast Baldacchino għadha ħajja fis-soċjeta' tagħna għaliex tlieta mill-pro-neputijiet tiegħu huma bandisti mal-banda. Dawn huma l-Assistent Surmast Gordon Baldacchino, huh Mario delegat tal-banda u Guzi Baldacchino li jdoqq il-flawt. Insemmu wkoll li fil-passat tnejn minn ħut is-surmast kienu jdoqqu mal-banda.

Il-funeral tas-Surmast Baldacchino sar l-Erbgħa 8 ta' Jannar 2014 fil-Knisja Parrokkjali ta' St. Michael fil-preżenza ta' uliedu l-famijari tagħhom u ħafna ħbieb tal-istess Surmast. Ħadet sehem ukoll il-banda Taljana li daqqet wieħed mill-marċi funebri tiegħu. Is-Soċjeta' tagħna bħala sinjal ta' rispett ittellgħet il-bandiera l-kbira dak inhar tal-funeral filwaqt li bagħtet bukkett fjuri li tpoġġa fuq il-qabar tas-surmast. ■